# IL-GIMGHA MQADDSA GEWWA CAMPOBASSO



Ir-riti tal-Gimgha Mqaddsa gewwa Campobasso huma limitati ghal jumejn,  l- Hamis ix-Xirka u l-Gimgha Mqaddsa

Fil-jum ta' l-Erbgha, maghrufa bhala l-Erbgha tat-Tniebri kien jinzamm l-Ufficju tat-Tniebri imma din l-uzanza ilha li nqaghtet u baqghet biss tifkira fl-imhuh ta' l-anzjani.

Ic-celebrazzjoni l-aktar importanti huma l-purcissjoni ta' l-Appostli f'Hamis ix-Xirka u ta' l-Addolorata u Kristu mejjet fil-Gimgha l-Kbira.

Imfittex hafna huwa l-Kor li jakkumpanja l-purcissjoni ta' Kristu Mejjet u Ommu Addolorata li jkun maghmul minn 700 cittadin ta' kull eta u klassi socjali.

## *DAK LI JIGRI F'HAMIS IX-XIRKA*

Haga unika u li ma ssibha mkien hija l-purcissjoni ta' l- Appostli li giet imwaqqfa minn Nikola Zita, abbati tal-Patrijiet Minuri tal-Kunvent ta' Santa Marija tal-Grazzji gewwa Campobasso.



L-abbati li kien marid serjament bhala radd il-hajr talli rega' ha sahhtu mill-gdid, ried li f'jum Hamis ix-Xirka, tlettax il-xih maghzula minn fost il-fqar tal-pajjiz, jinviztaw, libsin ta' Appostli il-knejjes kollha li fihom ikun hemm espost is-Sagrament ghall-qima tal-fidili.

Fis-sena 1470 l-abbati Nikola Zita ftit qabel ma miet halla legat lill-Konfraternita' ta' San Antonio Abbati biex tibqa' issir ic-ceremonja tal-hasil ta'l-appostli mal-milja taz-zmien. Prattika bhal din sabet ruhha ssir fil-knisja ta' San Marija tas-Salib.

Aktar tard, bis-sahha tal-konti Andrea de

Capoa li f'dawk is-snin kellu d-drittijiet fewdali fuq il-belt, din ic-ceremonja ghaddiet ghall-knisja tat-Trinta', ftit 'l boghod mill-knisja tal-Krucjati.

Ic-ceremonja kienet tikkonsisti billi tlettax ir-ragel fqir kienu jitlibbsu bil-libsa ta' l-ixkejjer, beritta tal-gild jew suf ohxon, bastun u sandli u jigru mat-territorju tal-belt. Dawn kienu jiehdu sehem fil-funzjonijiet kollha sakemm fl-ahhar kienu joqghodu ghal-hasil tas-saqajn fil-knisja ta' San Leonardu.

Wara huma kienu jircievu hlas  li sa tmiem is-seklu 1600 kienet ikla god-dar Zita, fejn kienu jieklu numru ta' platti daqs kemm kien ikun in-numru taghhom.  Fl-ahhar kienu jircievu hobza u tnax-il munita tar-ram.



Din it-tradizzjoni baqghet hajja ghal hafna snin wara, grazzi ghad-devozzjoni tal-familjari ta' l-abbati u l-eredi tieghu, u mill-bidu tas-snin 1900 hadet responsabilta' taghha il-Konfraternita' ta' San Gwann il-Battista, li s-sede taghhom tinsab fil-kunvent tal-Patrijiet Minuri ta' San Gwann il-Battista gewwa Campobasso.

Prezentement it-tnax –ir ragel li jaghtu hajja lil din il-purcissjoni ta' l-Appostli kollha huma membri ta' din il-Konfraternita'. F'Hadd il-Palm jintghazlu bix-xorti dawn it-tnax, kollha membri tal-Konfraternita;  filwaqt li t-tlettax-il wiehed jintghazel minn fost il-Kumitat u jinterpreta lil Xmun minn Cirene, dak li kien kostrett li jerfa' is-salib ta' Kristu waqt li Gesu' kien fil-vjagg tieghu ta' tbatija lejn il-Kalvarju.

Wara nofsin-nhar f'Hamis ix-Xirka it-tlettax ir-ragel jilbsu l-ilbies orjentali u s-sandli u jitilqu mill-knisja ta' San Giovanni il-Battista mexjin wiehed wara l-iehor fis-silenzju b'pass meqjus u bil-mod u b'rashom inklinata fuq sidirhom u b'harsithom lejn l-art.



Jiftah il-purcissjoni Xmun minn Cirene  jerfa’ is-salib segwit mill-appostli f’din lordni: Giovanni, Pietru, Gakbu l-Kbir, Gabku z-Zghir, Bartolmew, Xmun, Mattew, Andrija, Tumas, Filippu, Taddew u Guda l-Iskarjota.



L-appostlu Pietru jiddistingwi ruhu mic-cavetta tad-deheb tal-Genna u dik sewda ta’ l-Infern, filwaqt li Guda jkollu ma’ qaddu l-borsa imdendla bit-tletin bicca tal-fidda tat-tradiment.

Meta jaslu fil-Katidral, it-tlettax-ir ragel jassistu ghall-quddiesa li matulha l-arcisqof jahsel saqajn it-tnax l-appostlu.

Fi tmiem ic-celebrazzjoni ewkaristika, it-tlettax ir-ragel jduru jinvistaw  il-knejjes kollha tal-belt fejn ikun hemm espost is-sagrament fl-artal tar-Reposizzjoni. Hemm jieqfu u jitlobu ghal ftit sa ma jmorru fi knisja ohra.

**L-Itinerarju tal-Purcissjoni tal-Appostli -**

(IL-HINIJIET HUMA APPROSIMATTIVI.)

.

17.30 – Knisja ta' S. Giovanni Battista (tluq)

18.00 – Knisja Katidrali

20.00 – Knisja ta' S. Leonardo

20.15 – Knisja ta' S. Antonio Abate

20.45 – Knisja ta' S. Maria della Libera

21.00 -Dar Maria Annibale di Francia

21.15 – Knisja ta' S.Antonio di Padova

21.45 - Knisja Mater Ecclesiae

22.15 – Santwarju ta' S. Maria Del Monte

22.30 – Knisja ta' S. Paolo

22.45 – Dar tal- Karità

23.15 – Knisja tas- Sacro Cuore

23.30 – Knisja ta' S. Guzepp

23.45 – Knisja ta' S. Pietru

24.00 – Knisja ta' S. Giovanni Battista (dhul u tmiem)

## *X'JIGRI F'JUM IL-GIMGHA L-KBIRA*

L-origini tal-purcissjoni tal-Gimgha l-Kbira probabbli tmur lura lejn is-seklu XIII. Pero' ahbar storika ta' min joqghod fuqha tmur lura lejn is-sena 1626 meta wiehed isib "ftehim bejn il-Krucjati u t-Trinitarji". Id-dokument jaghmel accenn ghal-Gimgha l-Kbira.

Fil-knisja ta' Santa Marija tas-Salib li antikament kienet is-sede tal-Konfraternita' tal-Krucjati, hija mizmuma b'ghozza kbira t-tradizzjoni ta' l-Addolorata u Gesu' Mejjet.

Hawn jingemghu c-cittadini ta' Campobasso biex jattendu ghas-settenarju (seba' ijiem bi thejjija ghall-festa' tad-Duluri) migbura f'silenzju devot waqt li n-noti helwin tal-Maestro De Negris jimlew it-tempju.



Il-korteo jibda' fil-17.00 fil-jum tal-Gimgha Mqaddsa minn Santa Marija tas-Salib u kwazi l-belt kollha tiehu sehem: sacerdoti, religjuzi, sorijiet, politici, poplu u l-arcisqof, kollha jsegwu l-vara ta' Kristu Mejjet.

Wara ssegwi l-vara ta' l-Adolorata li tkun akkumpanjata minn nisa lebsin l-iswed li jzommu zigarelli nizlin mill-istatwa.

Il-muzika tal-Kor li jakkumpanja l-purcissjoni tal-Gimgha il-Kbira hija tas-surmast Michele De Nigris. Il-komposizzjoni ta' l-innu tmur lura lejn tmiem is-sena 1800 u ghandha l-hila tqanqal il-qlub u s-sentimenti l-aktar nobbli. Prezentement dan il-kor jkollu madwar 700 ruh li jippartecipaw fih .

.



Il-purcissjoni sserrep fit-toroq tal-belt tirrecita r-Ruzarju, taht il-harsa silenzjuza tan-nies wieqfa fil-gallariji u wara t-twieqi,  issegwi dak kollu li jkun qed isehh.

Din il-purcissjoni kienet imwaqqfa fis-sena 1626 fil-ftehim bejn l-fratellanzai tal-Krucjati u Trinitari li bejnithom kien hemm  pika liema bhala.

Fis-seklu XVI l-attivita' esterna tal-Gimgha Mqaddsa kienu organizzati minn tlett konfraternita' lajci, il-Krocjati, it-Trinitari , u mill-membri ta' San Anton Abbati. Bejn l-ewwel tnejn kienet tezisti rivalita' l-aktar kbira ghax iz-zewg  fratellanzi kienu jippretendu li jkollhom  precedenza fil-purcissjoni tas-Santissimu li kienet issegwi dik tal-Misteri.

Il-fratellanza tal-Krucjati kienu jiftahru li huma jgawdu l-aktar anzjanita' (madwar is-seklu 1200).  Maz-zmien il-fratellanza kibret u kattret il-membri taghha billi ghaqqdet maghha l-bicca kbira tan-nies ta' Campobasso,  nies tas-sengha u bdiewa u dawk li kienu jmexxu l-ekonomija tal-post.

Ftit ftit tilfet il-karattru penitenzjali taghha u bdiet tiehu kura tal-fqar u taghti importanza kbira lill-funzjonijiet treligjuzi tant  mfittxija mill-poplu. Matul is-snin bikrija tas-seklu 16 insibu bidla ta' ordni socjali li wassal ghan-nuqqas ta' ftehim bejn il-fratellanzi.

Fis-sena 1504 il- Konti Andrea de Capoa ta permess li timbena' knisja f'gieh it-Trinita'  Qaddisa. Il-fratellanza tat-Trinitarji ma kelliex daqshekk popolarita' u dominanza bhal dik tal-Krucjati.



Biex dawn jidhlu fil-hajja socjali kien jehtigilhom li jippenetraw fil-hajja religjuza tal-belt. U l-permess li jibnu knisja kien l-ewwel pass taghhom. U rizultat ta' hekk twieledet il-konfraternita' tat-Trinitarji.

Dawn bdew jindahlu fi kwestjonijiwet religjuzi. Inqalghu hafna problemi u tilwim fuq precedenza fil-purcissjonijiet religjuzi li saru bazi ghall-glied u qtil.



Fis-sena 1572 it-Trinitarji bnew knisja dedikata lil San Anton Abbati u kienu jdahhlu biss bhala membri rgiel illiterati maghrufa bhala Idjoti u dan kien isir skont l-istatut taghhom.

L-antagonizmu rabba' mibgheda li kien difficli li wiehed isib tarf taghha u l-belt inqasmet fi tnejn. Ezempju car hija l-imhabba bejn Delicata Civerra, membru tas-sess femminili tal-Krocjati u t-Trinitarju Alfonso li spiccat fi tragedja. Il-membri tal-Krucjati kienu espressament jipprojbixxu zwieg mal-membri tal-Konfraternita' tat-Trinitarji.

Wasal iz-zmien biex dan l-iskandlu jieqaf u kien il-medjatur frangiskan fra Girolamo da Sorbo li fis-sena 1587 gab il-paci bejn iz-zewg fratellanzi. Din il-paci sehhet b'solennita' hekk kbira li biex tibqa' mfakkra lil dawk li jigu warajhom imbniet knisja

ad unur Santa Marija tal-Paci. Fiha kien espost kwadru ta' din il-grajja ta' Gianmaria Felice mahdum fis-sena 1597, illum qieghed fis-sede amministrattiva Provincjali.

Fis-seklu 17 sar ftehim ta' kif ghandhom isiru l-affarijiet fil-purcissjonijiet lokali l-aktar dik ta' Corpus Dommini, quddiem in-nutar Silvio De Rubertis.

Il-Konfraternita tal-Krucjati l-lum spiccat.

Il-purcissjoni ta' zminijietna tghaddi mit-toroq tac-centru tal-belt u wara li tieqaf f'dawk il-lokalitajiet fejn is-sofferenza tidher bic-car, chalma huma l-habs, tirritorna ghat-tmienja ta' filghaxja fil-knisja minn fejn tkun harget f'ambjent tassew devot u migbur.